**QORTI ĊIVILI**
**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**Mandat t'Inib. Nru 534/2020 RGM**

**Illum 22 ta' Ġunju 2020**

Fl-Atti tar-Rikors ghall-Hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni
Numru 534/2020 fl-ismijiet:

**Dragan Miculovic u**

**Star Interiors Ltd (C-86406)**

**vs**

**Vera Maria Sant Fournier**

**Il-Qorti**

Rat ir-Rikors imressaq fit-18 ta' Mejju 2020, li bih u ghar-ragunijiet hemm imfissra, ir-rikorrenti talbu li din il-Qorti tohrog Mandat ta' Inibizzjoni biex iżżomm lill-intimata milli tbiegh, tnehhi, tittrasferixxi jew tiddisponi inter vivos sew b'titolu oneruz jew gratuwita l-proprjeta 20, La Marianna, Triq l-Adrijatika, The Village, San Gwann, u b'mod partikolari milli taljena taht kwalsiasi titolu, u

/ jew tikkostitwixxi favur terzi kwalsiasi titolu u / jew dritt u / jew personali fuq kull sehem li hija ghandha mill-imsemmija proprjetà.

Rat illi fit-28 ta' Mejju 2020, l-intimata ppreżentat ir-risposta taghha fejn id-difiza taghha primarjament huwa l-allegat fatt li hija m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika mar-rikorrenti.

Rat l-atti kollha tar-rikors inkluz il-provi miġjuba mir-rispetti partijiet.

Rat id-digriet tal-5 ta' Gunju 2020 fejn il-partijiet inghataw terminu sabiex iressqu n-noti ta' sottomissjonijiet taghhom.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti pprezentata fit-8 ta' Gunju 2020 kif ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimata pprezentata fit-12 ta' Gunju 2020.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat illi r-rikors thalla ghal digriet in camera.

Ikkunsidrat

**Fatti antecedenti r-rikors ghall-Mandat ta' Inibizzjoni**

Is-socjetà rikorrenti ghamlet numru ta' xoghlijiet fid-dar personali tal-intimata, fl-ufficcju taghha kif ukoll f'numru ta' proprjetajiet ohra ta' klijenti tal-intimata, liema xoghol kien jikkonsisti f'alterazzjonijiet strutturali, restawr, aperturi, aluminju, hgieg, gypsum, elettriku u *plumbing*, kisi u tibjid, garr u rimi ta' materjal, permessi, u xoghlijiet ohra relatati, liema xoghol kien jammonta f'total ta' €76,887.87. Kien ghalhekk li sabiex jikkawtelaw il-pretensjonijiet taghhom ir-rikorrenti intavolaw dan ir-rikors ta' Mandat t'Inibizzjoni taht l-Artikolu 874 tal-Kapitolu 12 sabie l-intimata tigi inibita taljena taht kwalunkwe titolu, jew tikkostitwixxi favur terzi kwalsiasi titolu jew dritt rejali jew personali fuq kull

sehem li ghandha fil-proprjeta 20, La Marianna, Triq l-Adrijatiku, The Village, San Gwann.

Min-naha taghha l-intimata ma tinnegax li hemm xi hlas li jehtieg isir, li ma taqbilx huwa mal-ammont li huwa pendenti. Però il-kwistjoni principali li hija tissolleva hija proprju l-kwistjoni li m'hemm l-ebda relazzjoni guridika bejnha personalment u bejn l-atturi. Tinsisti li x-xoghlijiet saru fuq inkarigu u ghal beneficcju tas-socjeta Eurodesign Limited. Tghid li lanqas m'hemm relazzjoni guridika bejn l-attur Dragan Miculovic u s-socjetà Eurodesign Limited. Tikkontendi wkoll li d-dar li fuqha qieghed isir dan il-mandat ghandha biss nofs indiviz stante li n-nofs l-iehor jappartjeni lil ommha. Fin-nota ta' sottomissjonijiet, l-intimata, sabiex tispjega kif ir-relazzjoni guridika hija ma' Eurodesign Ltd u mhux maghha personalment, issottomettiet li s-socjetà Eurodesign Ltd topera l-brand name Vera Sant Fournier – Interior Design Studio, u li l-intimata hija mpjegata ta' Eurodesign Limited. Inghad fil-fatt li r-rikorrenti kienu nformati li l-fatturi kif ukoll l-istimi ghandhom johorgu fuq il-kumpanija Eurodesign Limited.

Ikkunsidrat;

Illi din hija talba ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni mitlub biex jigi kawtelat dejn jew pretensjoni li taqbez il-€11,646.84:

> "**874**. (1) Mandat ta' inibizzjoni jista' jintalab ukoll minn kreditur biex jiżgura dejn, jew kull pretensjoni oħra li tkun tammonta għal mhux inqas minn ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin euro u sitta u tmenin ċenteżmu (11,646.86). L-iskop ta' dan il-mandat hu biex iżomm lid-debitur milli jbigħ, jittrasferixxi jew jiddisponi inter vivos mill-proprjetà li tiġi indikata fir-rikors b'titolu oneruż jew gratuwitu jew b'xi mod joħloq piż jew drittijiet reali u, jew personali; iżda dak il-mandat ma jgħoddx għall-kostituzzjoni ta' xi dritt fuq, jew trasferiment ta', proprjetà li jsir skont ordni tal-qorti, jew fuq garanziji bankarji u ittri ta' kreditu."

Minn din id-disposizzjoni johrog car li jista' jintalab il-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni fir-rigward ta' proprjetà deskritta fil-Mandat in kawtela ta' kreditu pretiz mir-rikorrent li tkun tammonta ghal mhux inqas minn €11,646.86.

Huwa ritenut minn dawn il-Qrati li mandat mitlub taht l-Artikolu 874 biex ihares pretensjoni, jimponi kriterji diversi minn dawk imposti mill-Artikolu 873. Kif irriteniet il-Qorti Civili, Prim'Awla fil-provvediment taghha **MPM Capital Investments Limited vs. Alfred Anton Zarifa et** (Mand. Inib. Nru 1047/2018 JRM) degretat fis-27 ta' Awwissu 2018:

> "għall-finijiet tal-artikolu 874 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, il-kejl waħdieni huwa biss jekk kemm-il darba l-pretensjoni ta' min jitlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dak taqbiżx l-ammont ta' ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro u sitta u tmenin ċenteżmi (€ 11,646.86). Jekk taqbeż dik is-somma, dak l-element jikkostitwixxi l-jedd mad-daqqa t'għajn tar-rikorrenti biex jinħareġ il-Mandat minnha mitlub."

Il-Qorti kompliet tispjega illi:

> "bħala kejl ta' dan il-jedd prima facie, il-liġi timxi fuq il-pretensjoni, u mhux fuq jekk dik il-pretensjoni hijiex waħda mistħoqqa jew meqjusa: dak hu biss xogħol il-qorti li quddiemha titressaq il-kawża fil-mertu."

Ikkunsidrat;

Id-difiza tal-intimata tirrivolvi principarjament mal-allegazzjoni taghha li hija m'ghandhiex relazzjoni guridika mal-atturi. Issostni illi minn meta f'Gunju tal-2019 giet mwaqqfa minnha l-kumpanija Eurodesign Limited, ix-xoghol kollu li sar mis-socjetà rikorrenti Star Interior Ltd sar fuq inkarigu tal-imsemmija socjetà u mhux fuq inkarigu tal-intimata. Issostni ghalhekk li r-rikorrenti ma kellhomx jipprocedu kontriha fil-vesti taghha personali.

Gew esebiti numru ta' stejjem (quotations) kif ukoll fatturi u dokumenti ohra miz-zewg nahat – fejn filwaqt l-istejjem u l-fatturi pprezentati mill-intimata

kienu kollha indirizzati lil Eurodesign, ir-rikorrenti pprezentaw numru ta' fatturi li gew diga mhallsa u ohrajn li ghadhom pendenti  li inhargu din is-sena li ntbaghtu f'isem l-intimata personalment.
Rilevanti huma n-numru ta' hlasijiet li saru mill-intimata mill-kont personali taghha li ghandha ma' Revolut lis-socjetà Star Interior Ltd (fil-kont Revolut Business li ghandha l-imsemmija socjetà) u dan anke wara Gunju 2019, cioe wara li giet imwaqqfa s-socjetà Eurodesign Limited. B'mod partikolari huma t-tranzazzjonijiet li saru fl-1 ta' Lulju 2019 fis-somma ta' hmistax-il elf ewro (€15,000)[1], 16 t'Awwissu 2019 fis-somma ta' tlieta u ghoxrin elf, mija u ghaxar ewro u tmintax-il centezmu (€23,110.18)[2] kif ukoll il-hlas tat-30 ta' Settembru 2019 fis-somma ta' erbat elef u disa' mija (€4,900)[3].

Illi l-mertu ta' dawn l-eccezzjonijiet tal-intimata jehtieg li jigu investiti f'kawza fil-mertu u mhux waqt il-procedura ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni. Ghaldaqstant din il-Qorti m'hijiex sejra tilqa din l-eccezzjoni tal-intimata. Naturalment il-Qorti ma hi qed taghti l-ebda gudizzju la fuq il-mertu tal-pretensjoni tar-rikorrenti u lanqas dwar id-difiza tal-intimata.

Ikkunsidrat;

Minn ezami tad-dokumenti ezebiti jidher li hemm numru ta' *invoices* illi huma intestati f'isem Vera Sant Fournier personalment li komplessivament jissuperaw l-ammont imemmi fil-Mandat t'Inibizzjoni.

Intwera wkoll li l-Mandat huwa mehtieg minhabba li jikkostitwixxi l-gid li fuqu r-rikorrenti jistghu jezegwixxu l-jeddijiet taghhom f'kaz illi l-pretensjonijiet li sejrin jitressqu kontra l-intimata kellhom jintlaqgħu.

Il-Qorti tikkonkludi billi tiddikjara illi jirrizultaw l-estremi sabiex ir-rikorrenti jikkawtelaw il-pretensjoni taghhom fil-konfront tal-intimata bil-mezz tal-mandat ta' inibizzjoni kif mitlub.

---

[1] Dok DM 27.
[2] Dok DM 31.
[3] Dok DM 28.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qieghda tiddeciedi billi:

1. Tilqa' t-talba tar-rikorrenti ghall-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni kif mitlubh; u

2. Ghall-finijiet tal-Artikolu 874 (3) tal-Kap. 12 tordna li dan id-digriet jigi notifikat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku u lir-Registratur ta' l-Artijiet fi zmien erbgha u ghoxrin siegha (24hr) biex jirregistraw il-Mandat kif trid il-ligi u dan bi spejjez a kariku tar-rikorrenti.

Spejjez ta' din il-procedura a karigu tal-intimata.

**Moghti kameralment illum 22 ta' Gunju 2020.**

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imhallef**